Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 243/2011AE

**Elvin Magri**

**Vs**

**Raymond Falzon u martu Grace Falzon**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

L-attur harrek lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talab li jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' disat elef, mitejn u tnejn u sebghin euro u erbgha u sebghin centezmu (€9,272.74), rapprezentanti l-bilanc ta' self li tahom.

Il-konvenuti Falzon wiegbu (13 ta' Ottubru, 2011) li t-talba tal-attur hi nfondata fid-dritt u fil-fatt fis-sens li: L-allegat self sar permezz tas-sistema ta' uzura u l-Qorti, stante li tikkonstata ksur tal-ligi ghandha *'ex officio'* tiehu l-passi li hi marbuta li tiehu fl-interess tal-gustizzja; Illi fil-fatt l-attur ma silifx lill-intimati s-somma indikata fl-anness dokument A fl-ammont ta' €3750, izda biss l-ammont ta' €3000; u ghalhekk l-ammont ta' €750 huma imghaxijiet li l-attur ma kellux dritt ghalihom; Illi hija inkoncepibbli kif l-attur qed jitlob is-somma ta' €9274.74c bhala bilanc ta' self meta s-somma allegatament mislufa kienet ta' €3750; Illi mill-anness dokument A irrizulta li l-attur kull xahar kien jisraq €62.50 lill-intimati bil-pretenzjoni li l-ammont allegatament dovut minnhom huwa €312.50 akkont tal-kapital; Illi din il-kawza hija frivola u vessatorja peress li l-istess attur jaf tajjeb li m'ghandux dritt li jithallas l-ebda somma oltre' l-izjed ammont ta' Lm2,100, u dan irrizulta mill-kopji tal-korrispondenza skambjata mit-tieni konsulent legali tal-attur dok. RF1, RF2, RF3, RF4;

B'sentenza tat-30 ta' Settembru, 2013 l-ewwel qorti ddecidiet:

*" ... filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-appellati, tilqa' t-tieni u tielet eccezzjoni tal-appellati; u ghalhekk*

***Tilqa'** t-talbiet attrici limitatament kif gej u dana billi tiddikjara illi l-appellati ghandhom iroddu lura lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, disgha mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,920.22) u ghalhekk*

***Tikkundanna** lill-appellati in solidum ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, disgha mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€3,920.22)*

*flimkien mal-imghax bit-tmienja fil-mija mill-20 ta' Dicembru 2006, data meta kellu jsir il-pagament li kien imiss, sad-data tal-pagament effettiv*

*Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha."*

**Aggravji tal-atturi**.

L-atturi appellaw mis-sentenza, fejn fil-qosor l-aggravji taghhom huma:

1. L-ewwel qorti ma qalet xejn dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti fejn ammettew li ghandhom ihallsu somma oghla minn dik li akkordat il-qorti.
2. Illi m'hemmx provi li fl-iskrittura tat-18 ta' Lulju 2006 kien hemm inkluz imghax iktar milli tippermetti l-ligi. F'dan ir-rigward il-qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi. L-ewwel qorti warrbet ghal kollox l-iskrittura privata ffirmata mill-kontendenti fit-18 ta' Lulju 2006. Skrittura li kienet l-aqwa prova tal-ammont li effettivament l-konvenut ssellfu minghand l-attur. Ghlkemm is-self sar quddiem tnejn min-nies ohra, dawn lanqas ma tressqu bhala xhieda biex jikkoraboraw il-verzjoni tal-konvenut. Inoltre, l-ewwel qorti m'ghamlet ebda accenn ghal fatt li f'okkazzjoni precedenti l-konvenuti kienu ssellfu s-somma ta' Lm2,400, kif jirrizulta mill-iskrittura a fol. 18, u hallsu s-somma kollha lura.
3. Fis-sentenza hemm ukoll zball lampanti tal-qorti meta kkonkludiet li l-konvenut hallas b'kollox is-somma ta' Lm1,317.50 meta mill-provi rrizulta li hallas Lm937.50.
4. L-ewwel qorti qatt ma kellha tiddeciedi li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. Kienu l-konvenuti li ma onorawx l-obbligu kuntrattwali taghhom.

**Twegiba tal-konvenuti**.

L-appellati wiegbu li mhux minnu illi kontra l-miktub ma tistax iggib il-provi kuntrarji meta l-miktub huwa msejjes fuq affarijiet illegali u abbuzivi, kif ukoll fuq imghaxijiet komposti. Gialadarba rrizulta bl-iktar mod car illi s-somma mitluba *ab initio* ma kinitx Lm3,750 imma Lm3,000 u li minnhom huma kienu diga' tul il-kors tas-self hallsu somom kbar, kif irrizulta mill-atti processwali, ma jistax jinghad illi s-somma mislufa hija dik pretiza mill-appellant imma dik sostnuta bil-provi mill-appellati.

Illi ghalxejn l-appellanti jaghmel riferenza ghall-iskrittura u l-ftehim tat-18 ta' Lulju, 2006 u tad-29 ta' Awwisu, 2005, stante illi dawn ma kienux veritieri u l-ammont misluf mill-appellanti ma kienx Lm3,750 imma Lm3,000 u ghalhekk ix-xenarju kollu jinbidel bl-uzura mitluba mill-istess appellant.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma emnitx it-tezi ta' l-appellanti u ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi mismugha mill-Ewwel Qorti u m'ghandiex tistrieh fuq il-kitbiet fazulli maghmulha mill-partijiet, maghmula

biss stante illi l-appellati kienu msallbin u kellhom bzonn il-flus biex jirranga l-hanut tieghu biex ikabbar in-negozju tieghu;

L-appellati pproponew ukoll appell incidentali fir-rigward tal-imghax. Huma jsostnu li ma kellhom jigu kundannati jhallsu imghaxijiet fuq is-somma ta' €3920.22 mill-20 ta' Dicembru, 2006, stante illi huma dejjem kienu lesti biex ihallsu dan l-ammont, stante illi kien in-nuqqas ta' l-istess appellanti li ma accettawx dawn il-flus. L-appellati jsostnu illi lanqas ghandhom ihallsu imghaxijiet qabel dik id-data peress illi huma dejjem kienu propensi li jhallsu l-bilanc tas-self maghmul imma mhux bl-uzura.

Gialadarba l-appellant ha vantagg mid-dghjufija tal-appellati, m'ghandux jigi regalat b'imghax bit-8% fuq somma li l-appellati kienu dejjem lesti jhallsu imma li huma ma riedux jaccettaw ghax ippretendew somom iktar.

Illi l-kundanna ta' l-imghaxijiet m'hijiex korretta ladarba sar id-depozitu fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati.

**<u>Twegiba tal-atturi ghall-appell incidentali</u>**.

L-appell incidentali ghandu jigi michud. Ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellati li jhallsu s-somma li ma kienux qeghdin jikkontestaw. Lanqas ma kien hemm xejn milli jzommhom milli jiddepozitaw l-ammont fil-qorti u jaghtu lill-appellant il-fakolta li jizbanka dik is-somma li m'hijiex kontestata. Minn dan kollu l-appellati m'ghamlu xejn.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

## **<u>Kwistjoni</u>**.

1. L-attur harrek lill-konvenuti u talab il-hlas tas-somma ta' €9,272.74 li qal li jirraprezenta self moghti lill-konvenuti.
2. Permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Lulju 2006 (fol. 9), iddikjara li hu debitur tal-attur fis-somma ta' Lm3,750, *"... li hu silifni brevi manu, bla imghax, sabiex nuzahom ghal bzonnijiet personali tieghu"*.
3. Fl-iskrittura jinghad li ma jithallasx imghax u l-ammont ghandu jithallas fi zmien 12 il-xahar permezz ta' pagamenti ta' Lm312.50 kull darba, bl-ewwel pagament isir f'Awissu 2006. Jinghad ukoll li fl-eventwalita' li l-appellant ikun moruz f'pagament mensili, tkun dovuta penali ta' Lm20 fix-xahar fuq kull pagament.
4. L-attur isostni li mis-somma, s'issa thallas l-ammont ta' Lm937.50. L-attur ipprezenta prospett fejn hemm il-kalkoli tal-bilanc li jsostni li hu dovut sal-ahhar tas-sena 2012 (€10,579.57)[1]. Minn dan id-dokument hu evidenti li fl-ahhar ta' kull sena, l-imghax qieghed jizdied mal-kapital.

[1] Ara fol. 23.

5. Il-konvenuti jsostnu li ssellfu Lm3,000 u li l-bilanc ta' Lm750 jirraprezenta imghax li gie mizjud mal-kapital. F'ittra legali datata 22 ta' Lulju 2009 li ntbaghatet ghan-nom tal-konvenut, gie kkonfermat li Falzon kien hallas akkont is-somma ta' €937.50.
6. B'sentenza tat-30 ta' Settembru 2013, l-ewwel qorti laqghet it-talba limitatament fir-rigward tas-somma ta' €3,920.22, bl-imghax mill-20 ta' Dicembru 2006.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. L-ewwel qorti kkonkludiet li s-somma li l-konvenuti ssellfu minghand l-attur kienet Lm3,000 filwaqt li s-somma ta' Lm750 kien imghax mizjud mal-kapital. L-attur cahad li fis-somma ta' Lm3,750 hemm imghax inkluz. Min-naha l-ohra l-konvenut xehed li ffirma l-iskrittura minghajr ma qarha l-kontenut. Zmien wara l-attur kien qallu li fl-ammont dikjarat hemm inkluz l-imghax.

   Hu veru li l-appellat kellu, kieku ried, l-opportunita' kollha li jressaq lil martu u lill-ibnu bhala xhieda biex jikkoraboraw il-verzjoni li s-somma ta' Lm750 kien imghax mohbi. Pero' l-qorti ma taqbilx mal-appellant li dan in-nuqqas ifisser li l-appellat gideb.

   Il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tiskarta l-konkluzjoni li ghamlet l-ewwel qorti. M'huwiex facli li wiehed jipprova li l-kapital jinkludi somma ta' mghax iktar minn dak li tippermetti l-ligi. F'kazijiet simili hafna drabi l-qorti tiddependi minn indizji. F'dan ir-rigward l-ewwel qorti osservat:-

   *"Finalment il-qorti ma tistax ma tinnutax b'certa sorpriza kbira illi l-penali stabbilita fil-ftehim ta' Lm20 fix-xahar hija attwalment, b'kumbinazzjoni kbira, ekwivalenti ghal imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq somma ta' Lm3,000. Tali fatt certament jitfa' aktar piz fuq l-argument imressaq mill-intimati illi r-rikorrent kien attwalment sellfihom Lm3,000".*

   Fil-fatt l-imghax fuq Lm3,000 bir-rata ta' 8% hu ta' Lm240 fis-sena, cjoe' Lm20 fix-xahar. Jidher ghalhekk li s-somma ta' Lm20 fix-xahar giet iffissata a bazi tas-somma ta' Lm3,000. L-indizju hu li l-kalkolu tal-penali sar fuq il-kapital ta' Lm3,000. Dan fih innifsu jindika li s-somma mislufa kienet ta' Lm3,000. Punt validu li ghamlet l-ewwel qorti.

   Il-qorti lanqas ma temmen li l-appellat ma kienx ser jiehu mghax, meta tqies il-kundizzjonijiet li mpona fuq l-mutwatarju f'kaz ta' morozita', u cjoe':-

   i. hlas ta' penali ta' Lm20 kull xahar fir-rigward ta' **kull** pagament tax-xahar li ma jsirx; u
   ii. imghax ta' 8% fis-sena;

Fil-fatt f'ittra legali datata 8 ta' Jannar 2008 li l-appellant baghat lill-appellati, sejhilhom sabiex ihallsu l-bilanc li kien ghad fadal, *"…. piu' l-penali mensili fuq pagament kif indikat fl-istess skrittura u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv"* (fol. 17). Meta tqies dawn l-kundizzjonijiet il-qorti m'hijiex konvinta li l-appellant sellef lill-appellat somma flus, minghajr ma jippretendi xejn lura.

Sahanistra, wkoll meta ghamel il-kalkoli ghal finijiet ta' din il-kawza, l-appellant zied l-imghax mal-kapital meta mill-provi ma rrizultatx wahda mic-cirkostanzi fejn il-ligi tippermetti li jigi kalkolat imghax fuq l-imghax (Artikolu 1142 u 1850(2) tal-Kodici Civili).

Hu veru li mill-provi rrizulta li kien hemm okkazzjoni ohra meta l-appellant sellef lill-appellat is-somma ta' Lm2,400 (ara skrittura a fol. 18), u fil-fatt dan l-ammont thallas. Pero' l-hlasijiet saru fi zmien meta ma kienx hemm dizgwid bejn il-kontendenti. 'Il fatt li l-appellat hallas is-somma ta' Lm2,400 ma jfissirx li fis-somma kapitali ma kienx hemm inkluz imghax iktar milli tippermetti l-ligi.

Il-qorti hadet ukoll nota tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza **il-Pulizija vs Elvin Magri**, deciza fit-30 ta' April 2015. Dik il-qorti kkonkludiet li ma saritx il-prova ta' uzura. Pero' wiehed irid jiftakar li l-grad ta' prova fil-kamp kriminali hi differenti minn dik fil-kamp civili. Ghalhekk dak li osservat l-ewwel qorti ma jisfumax fix-xejn minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

2. Fir-rigward tal-penali ta' Lm20 fix-xahar, m'hemmx dubju li persuna li ssellef somma flus, ghandha jedd li tircievi l-imghax skond l-oghla rata stabbilita mil-ligi. Jekk kellu jigi accettat li l-kreditur jista' wkoll jimponi penali ghall-morozita, ikun ifisser li d-divjet li l-kreditur jitlob hlas ta' iktar minn 8% imghax fis-sena (Artikolu 1852 tal-Kodici Civili), facilment jista' jigi evitat billi d-debitur jimponi penali. Fil-fehma tal-qorti l-kreditur ma jistax jippretendi fl-istess hin imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi u penali. Skond l-Artikolu 1120 tal-Kodici Civili: *"Il-penali hija l-kumpens tal-hsara li jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali"*. Imbaghad fejn l-obbligazzjoni hi l-hlas ta' somma determinata, *"id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena"* (Artikolu 1139 tal-Kodici Civili). Ghalhekk dak li kien kontemplat fl-iskrittura ma kienx jidher legalment korrett. F'kull kaz mill-prospett li pprezenta l-attur (fol. 23) jidher li llum il-pretensjoni tal-appellant hi ghall-hlas l-hlas ta' mghax u mhux penali. Jidher ukoll li l-ewwel qorti akkordat l-imghax b'effett mill-20 ta' Dicembru 2006, fir-rigward ta' liema l-appellant ma pproponiex aggravju.

3. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet ukoll li mix-xhieda tal-konvenut, kien irrizulta li hallas lill-attur ukoll somma ohra ta' Lm380 fi flus kontanti. Hlas li skond l-ewwel qorti sar fi tlett pagamenti. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed:

*"Jiena mbaghad bdejt nikkustinja mieghu u ghidtlu li inti mhux tlett elef selliftni. Hu m'accettax. Dakinhar tajtu mitejn u sittin cash u ma nizzilhomx fil-karta. Wara anqas minn xahar gie u ried bilfors hamsin lira. Jiena kont naghtihomlu u kont tajthomlu ghax inkellha ma kienx ser jitlaq mid-dar. F'anqas minn xahar iehor kien gie u talabni mija liema mija kont gibtha minghand missieri Alla Jahfirlu ghax kont ghidtlu li kelli bzonn mitt lira u rega' ma nizzilhomx. L-ahhar wahda gie u talabni tmenin lira u kelli naghtihomlu minkejja li bdejt nghidlu li ma stajt naghtihomlu imma eventwalment tajthomlu"* (fol. 32).

Il-qorti m'hijiex konvinta minn dawn il-pagamenti li l-appellat xehed li ghamel, meta tqies:-

i. Ma nghatawx dati meta suppost saru;
ii. M'hemmx ricevuta. Minn kif xehed l-appellat jidher li meta suppost saru dawn il-pagamenti, kien hemm diga' dizgwid bejn il-partijiet. Ghalhekk l-inqas li seta' jaghmel l-appellat kien li jitlob ricevuta minghand l-appellant;
iii. Jekk verament saru l-pagamenti kollha li semma l-appellat, il-qorti ma tifhimx kif xehed: *"Jiena ghandi nghid li ghandi nhallsu madwar elf u tmien mija maltin"*. Cifra li ma taqbilx mal-ammont kollha li l-appellat qal li ghamel;
iv. Sahansitra fit-twegiba li pprezentaw l-appellanti, qalu li *".... l-istess attur jaf ben tajjeb li m'ghandhomx dritt li jithallas l-ebda somma oltre l-izjed l-ammont ta' Lm2,100..."*. F'dan ir-rigward f'ittra legali datata 21 ta' April 2011 li ntbaghatet ghan-nom tal-konvenuti, jinghad li mis-somma ta' Lm3,000 *"..... Raymond Falzon hallas €900, u jibqa' bilanc ta' Lm2,100"*.

Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li m'hemmx prova sodisfacenti li sar il-hlas ukoll ta' Lm380, apparti s-somma ta' Lm937.50.

4. Meqjus dak li nghad hawn, sal-ahhar ta' Ottubru 2006 is-somma li kienet ghadha dovuta lill-attur kienet ta' **Lm2,062.50 (€4,805.33)**. Minn dakinhar ma sarux iktar pagamenti.

5. Fir-rigward tal-ahhar aggravju, skond l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez b'dan li skond subinciz (3) ta' dak il-provvediment:

*"Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza"*.

Wiehed mill-punti tal-kawza kien proprju dwar jekk kienx hemm uzura fis-somma ta' Lm3,750. Punt li gie deciz kontra l-appellant. Mela l-ewwel qorti kellha kull dritt li tordna li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.

**<u>Appell incidentali</u>**.

L-appellati pproponew appell mis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2013 minn dik il-parti tas-sentenza li kkundannathom ihallsu l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena, b'effett mill-20 ta' Dicembru 2006. L-appellati jsostnu li huma kienu dejjem lesti jhallsu dan l-ammont u li kienu l-appellanti li ma accettawx il-hlas.

Il-qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju hu bla bazi, meta tqies li:

i. Il-kwistjoni nqalghet minhabba l-morozita' tal-appellati. Kieku l-appellati komplew ihallsu l-pagamenti mensili sal-ammont li ma kienux qeghdin jikkontestaw, ma kienx jakkumula imghax fuq is-somma li huma stess iddikjaraw li hi dovuta.
ii. L-appellati jafu li hu dovut imghax. Tant hu hekk li fl-ittra legali tat-22 ta' Lulju 2009 gie ddikjarat: *"Raymond Falzon lest li jintrabat li jhallas il-bilanc dovut **bl-imghax legali**……"*[2] (enfazi tal-qorti) ghalkemm qal li ried li ssir *'skrittura gdida li twaqqa kull arrangament li sar qabel'*.
iii. L-appellati messhom hallsu lil-appellant dik is-somma li ma kinux qeghdin jikkontestaw u hallew impregudikati l-kwistjoni dwar l-ammonti li dwarhom ma kienx hemm qbil li huma dovuti;
iv. F'kull kaz jidher li l-appellati ddepozitaw fil-qorti s-somma ta' €9,272.74 wara li nhareg mandat ta' sekwestru;
v. Mill-korrispondenza kien evidenti li l-appellanti kienu qeghdin jippretendu li jhallsu biss is-somma ta' Lm2,100 minghajr qies taz-zmien kollu li ghadda minn meta l-hlas kien dovut;

It-tezi tal-appellati li m'ghandux jithallas imghax minn meta ghamlu d-depozitu, lanqas ma tregi. Dak id-depozitu sar mhux ghaliex saret offerta lill-appellant biex jithallas u rrifjuta l-pagament, izda wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru. Ghallinqas hekk iddikjaraw l-appellati fl-appell incidentali. Fatt li ma jwassalx biex ma jiddekorrix iktar imghax. Id-depozitu li sar, skond ma spjegaw l-appellanti, ma jikkwalifikax bhala pagament skond ma jipprovdi l-Artikolu 1173(2) tal-Kodici Civili.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell parzjalment u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru 2013 limitatament fis-sens li:**

---

[2] Fol. 10.

i. **l-ammont dovut mill-konvenut hu ta' erbat elef tmien mija u hames ewro u tlieta u tletin centezmu (€4,805.33) bl-imghax bit-8% mill-20 ta' Dicembru 2006. Ghaldaqstant, tikkundanna lill-appellati sabiex ihallsu din is-somma bl-imghax kif deciz mill-ewwel qorti.**
ii. **L-ispejjez tal-appell tal-appellant jinqasmu in kwantu ghal 75% fuqu u 25% a karigu tal-appellati.**

**Tichad l-appell incidentali, bl-ispejjez kontra l-appellati.**

Anthony Ellul.